MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-25 ta' Awwissu, 2008

Numru 272/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Lorenzo Attard**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva b'att ta' citazzjoni kontra Lorenzo Attard, bin Carmel u Carmen nee Attard, imwieled fit-28 ta' Nvembru 1975 (detentur tal-Karta ta' l-Identita` nru 28075G), talli fil-31 ta' Mejju 2004 ghall-habta tas-7.00 pm fil-Qortin, limiti tax-Xaghra, Ghawdex, waqt li kien qed jaghmel uzu minn vettura bin-numru BAA-383 (**1**) iddepozita skart f'sit minghajr permess (regolament 3 ta' l-A.L. 128/1997, regolament 7(3) ta' l-A.L. 337/2001), (**2**) naqas li jimmaniggja skart skond il-ligi (regolament 7(2)(b)(c) ta' l-A.L. 337/2001), u (**3**) talli abbanduna l-iskart li kellu fl-istess vettura (regolament 26(a) ta' l-A.L. 337/2001); l-ewwel qorti kienet

ukoll mitluba li f'kaz ta' htija minbarra l-piena tordna l-konfiska tal-vettura nvoluta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-28 ta' Gunju 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Lorenzo Attard hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu multa komplessiva ta' elf lira (Lm1,000), kif ukoll ordnat, fit-termini tal-proviso tar-regolament 27 ta' l-A.L. 337/01, ir-revoka tal-permess mahrug mill-awtorita` kompetenti; dik il-qorti, pero`, ma ordnatx il-konfiska tal-vettura nvoluta;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Lotenzo Attard, minnu pprezentat fl-10 ta' Lulju 2007, li permezz tieghu talab li huwa jigi liberat minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi; ikkunsidrat:

Dan l-appell jirrigwarda tfigh ta' zibel jew, biex wiehed juza l-kelma aktar politikament korretta llum, skart. Fil-gurnata indikata fl-imputazzjoni l-appellant mar bl-i*scammel* tieghu mimlija skart biex jiddepozita kollox fil-facilita` tal-*waste management* li allura kien hemm il-Qortin, fil-limiti tax-Xaghra, Ghawdex. F'dan il-post kien jingabar l-iskart li, wara li kien jigi processat mill-kumpannija Wasteserve, kien jitghabba biex jigi trasferit Malta. Huwa, pero`, wasal ftit wara l-hin ta' l-gheluq ta' l-impjant in kwistjoni. In fatti kien risaput minn kull min kien iwettaq dan ix-xoghol li l-kancell ta' l-impjant kien jaghlaq fis-sebgha ta' filghaxija. Kif inghad, l-appellant wasal ftit wara s-sebgha, u meta l-impjegati tal-Wasteserve qalulu li ma setax jidhol mill-kancell 'l gewwa biex ibattal l-i*scammel* ghax kien sar il-hin, dan qabad u battal kulma kellu quddiem il-kancell u telaq 'l hemm. Sar rapport lill-pulizja, u l-ghada dawn marru fuq il-post u kkonvincew lill-appellant sabiex jigbor dak li kien tafa' barra l-kancell u jiddepozitah mill-kancell 'il gewwa.

L-appellant ghandu hames aggravji – wiehed preliminari u procedurali, tnejn fil-meritu u tnejn fuq il-piena. L-aggravju preliminari u procedurali huwa fis-sens li fid-dispozittiv tas-

sentenza appellata l-ewwel qorti rreferiet ghar-regolament 3 ta' l-Avviz Legali **129**/1997, liema ligi, kif gustament jirrileva l-appellant, ma ghandha x'taqsam xejn ma' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu fl-att ta' citazzjoni. Din il-Qorti, pero`, hi tal-fehma li hawn si tratta ta' semplici *lapsus calami*. Hu evidenti meta wiehed jara c-citazzjoni li, flok in-numru 128 – bhala n-numru ta' l-avviz legali – tnizzel bi zvista fis-sentenza n-numru 129. Fil-fehma tal-Qorti dan ma jwassal ghall-ebda nullita` tas-sentenza ghax huwa car daqs il-kristall ghal liema ligi kienet qed tirreferi l-ewwel qorti fis-sentenza taghha.

It-tieni u t-tielet imputazzjonijiet jistghu jigu kkunsidrati flimkien. Bazikament l-appellant jikkontendi li fejn huwa tafa' l-iskart, ghalkemm barra l-kancell ta' l-impjant, jigi xorta wahda fil-konfini ta' sit ghar-rimi ta' l-iskart, u dan kemm ghall-finijiet ta' l-A.L. 128/1997 kif ukoll ghall-finijiet ta' l-A.L. 337/2001. Jikkontendi inoltre li t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet huma pedissekwi ghall-ewwel wahda, b'mod li jekk ma tirrizultax l-ewwel wahda, anqas ma jissussistu iz-zewg imputazzjonijiet l-ohra. Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha, hi tal-fehma li l-appellant ghandu ragun biss in parti u marginalment. Kif tajjeb josserva l-appellant fir-rikors tieghu, l-A.I.C. Valerio Schembri wera bic-car li l-post fejn gie mitfugh l-iskart mill-appellant kien entro l-konfini ta' "sit ghar-rimi" ta' l-iskart hekk kif delineat bil-ligi u senjatament bl-A.L. 128/1997. Li gara, pero`, kien li ghall-finijiet <u>ta' mmaneggjar ta' skart</u>, il-Wasteserve kienet ghalqet parti mis-sit tal-Qortin b'*chain link fence*, u kien entro dan ir-recint – li kont tghaddi ghalih mill-kancell – li din il-kumpannija kienet tiehu hsieb l-iskart u tipprocessah. Kif tajjeb fisser ix-xhud Kevin Sciberras fid-deposizzjoni tieghu tat-18 ta' April 2008, dan il-"boundary" isir biex, fost ragunijiet ohra, ma jsrix tfigh illegali u mhux kontrollat ta' skart, anke biex l-istess skart ma jtirx 'il barra u jiskonfina mis-sit desinjat. Fi kliem iehor, il-Wasteserve setghet tikkontrolla biss dak li jigi depozitat mill-kancell 'l gewwa. Issa, filwaqt li l-A.L. 128/1997 jitkellem dwar "sit ghar-rimi" ("waste deposit site", fit-test Ingliz), l-A.L. 337/2001 jitkellem dwar "waste management site", li huwa definit bhala "any premises, land or any other place used for the <u>management</u> of waste or which is

deemed to be so by the competent authority" (sottolinear ta' din il-Qorti). Fil-kaz in dizamina, il-post ghall-immaneggjar ta' l-iskart kien mill-kancell 'l gewwa; u ghalhekk meta l-appellant tafa' l-iskart quddiem il-kancell huwa kien, iva, qed jiddepozita dak l-iskart f'"sit ghar-rimi" izda mhux f'"waste management site" ghall-finijiet ta' l-A.L. 337/2001. L-ewwel imputazzjoni tipotizza kemm ir-reat kontemplat fir-regolament 3 ta' l-A.L. 128/1997, u cioe` *"No person may deposit any rubble, waste or hazardous waste in any site unless it is a waste deposit site"*, kif ukoll ir-reat kontemplat fil-paragrafu (3) tar-regolament 7 ta' l-A.L. 337/2001, u cioe` *"No person may deposit any waste except in a waste management site which is authorised to receive that waste by virtue of a permit."* Isegwi ghalhekk, li ghalkemm ma jikkonfigurax ir-reat skond l-A.L. 128/1997, jikkonfigura dak skond l-A.L. 337/2001, b'mod ghalhekk li l-appellant gie korrettement misjub hati mill-ewwel qorti skond l-ewwel imputazzjoni.

Stabbilit dan, isegwi necessarjament li tirrizulta anke htija skond it-tieni u t-tielet imputazzjoni. Ir-regolament 7(2)(b) ta' l-A.L. 337/2001 jipprovdi li *"Any holder of waste shall…prevent the escape of such waste from his control or that of any other person."* L-appellant f'dan il-kaz deliberatament, ghax kien hekk konvenjenti ghalih u bla ma ta kaz tal-konsegwenzi, tafa' l-iskart f'post b'mod li la hu ma kien ghad ghandu kontroll fuqu u anqas il-Wasteserve. Inoltre r-regolament 26(a) ta' l-istess A.L. 337/2001 jipprovdi li *"Any person shall be guilty of an offence under these regulations if…he abandons, drops, dumps or otherwise handles waste not in accordance with the provisions of these regulations"* – u dan hu r-reat ipotizzat fit-tielet imputazzjoni. Ghalhekk l-ewwel qorti kienet korretta meta sabet lill-appellant hati anke skond it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet. Isegwi, allura, li z-zewg aggravji fil-meritu ghandhom jigu respinti.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti ma tara li ghandha b'ebda mod tvarja l-piena erogata mill-ewwel qorti. Huwa minnu li din hija fil-massimu taghha skond il-paragrafu (a) tar-regolament 27 ta' l-A.L. 337/2001, izda f'dan il-kaz din kienet pjenament gustifikata. L-operaturi fil-qasam tal-gbir

u l-immaneggjar ta' skart ghandhom ikunu huma minn ta' l-ewwel li jaghtu ezempju u josservaw skrupolozament il-ligi. Il-gbir u l-immaneggjar ta' l-iskart hi materja li tolqot direttament lis-socjeta` in generali, u huwa intollerabbli li operatur f'dan il-qasam, ghax ikun hekk konvenjenti ghalih, jigi jaqa' u jqum mil-ligi u minn kulhadd u jaghmel li jrid. Dan ma kienx kaz ta' xi hadd li rama borza zibel kontra l-ligi, izda l-kontenut kollu ta' *scammel*. Anqas ma hu gustifikat l-ilment ta' l-appellant dwar ir-revoka tal-permess. Apparti li tali revoka hi tassattiva skond it-tieni proviso tar-regolament 27 imsemmi, min juri bic-car li mhux kompetenti li jopera f'dan is-settur m'ghandux jithalla hekk jopera. Il-mezzi termini f'dan ir-rigward iwasslu biss ghal stat ta' menefregizmu u medjokrita`. Ghalhekk anke l-aggravji dwar il-piena qed jigu respinti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------